**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 196/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**John Mamo**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant John Mamo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 146384M, talli b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Mejju 2019 sa Novembru 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqas li jaghti lil Maruska Mamo u'jew lil uliedu is-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-

ulied fi zmien 15-il jum minn dak li fik skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha thallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-14 ta' Gunju 2021 li biha sabet lil imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija effettiva;

Rat ir-rikors tal-appellant John Mamo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 2021 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant prezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li huwa ghaddej minn perjodu difficli fhajtu kif ukoll li l-piena kominata fil-konfornt tieghu hi wahda esagerata;

2. Illi l-appellant ghamel referenza ghall-sentenzi tal-Qrati taghna in sostenn tal-argument tieghu u fis-sottomissjonijiet orali taghha, l-abbli difensur tal-appellant fissret kif inhu aflitt minn

sitwazzjoni finanzjarja problematika u kien ghalhekk li baqa' inadempjenti fl-obbligi tieghu versu l-parte civili. Ezaminati l-atti processwali, izda, jemergi illi l-appellant kien mixli b'dan ir-reat b'citazzjoni biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'Jannar tas-sena 2021 dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment li jmur lura minn Mejju 2019 sa Novembru, 2020. Is-sentenza tal-ewwel Qorti kienet prolatata fl-14 ta' Gunju 2021 u ghalkemm l-imputat ma rregistra ebda ammissjoni dak pretiz mill-parte civile rrizulta dovut. Huwa xehed illi fis-sena 2019 dahal jaghmel programm (jidher li l-imputat kien qed jirreferi ghall-programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga) u ghalhekk ghamel seba' xhur f'dan il-programm. Wara spicca bla xoghol u ghamel ukoll erba' xhur l-isptar minhabba marda f'siequ. Minkejja dan ma ghamel l-ebda proceduri ghar-riduzzjoni tal-obbligu tieghu;

3. Minn dakinhar tas-sentenza, l-imputat baqa' ma hallas ebda parti mill-manteniment dovut u l-appellant deher quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2021 u l-appell thalla ghas-sentenza ghal-lum 16 ta' Dicembru u minkejja li fis-sottomissjonijiet orali d-difensur tieghu ddikjarat li jidher li hu propens li jhallas l-Qorti mhix informata li sar xi hlas fil-mori;

4. Illi ghalkemm, minkejja l-pressjoni li saret fuq l-appellant fl-inizzju ta' dawn il-proceduri sabiex jonora l-obbligi tieghu konsistenti fil-hlas ta' manteniment kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-appellant baqa' inadempjenti. Kif wisq drabi ntqal minn din il-Qorti, r-raguni principali fil-promulgazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali kien proprju sabiex jaghmel pressjoni fuq min obbligat jobdi l-ordni tal-Qorti jew dik kontrattwali fil-hlas tal-manteniment. L-appellant

inghata zmien aktar minn sufficjenti sabiex almenu jibda jaghmel xi forma ta' hlas izda dan baqa' ma avverax ruhu;

5. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tadopera l-mizura eccezzjonali li tissostiwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena u ma tara ebda rimedju iehor li jista' b'xi mod iwassal lill-appellant li jara x'jaghmel u jsib il-mezzi biex jottempera ruhu. Huwa minnu li mill-habs l-parte civile mhix ser tithallas ta' dak lilha dovut u s-sitwazzjoni ser tipperpetwa ruhha izda l-appellant ma jhalli l-ebda xelta lil din il-Qorti;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.